MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1138/2010

Erremme Options Limited (C30153).

Vs

Malta Enterprise Corportation.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u erbatax il-ewro u hamsa u sebghin centezmu (€514.75) minghand il-korporazzjoni konvenuta, rapprezentanti kwantu ghal hames mitt ewro (€500) bhala drittijiet ghal servizzi rezi u kwantu ghal erbatax il-ewro u hamsa u sebghin centezmu (€14.75) bhala spejjes ta' ittra legali. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici li biha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza u zammet ferm il-kap ta' l-imghaxijiet u l-ispejjes.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici ghall-imghaxijiet u l-ispejjes tal-kawza, u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, u in vista tal-premess, it-Tribunal jikkundanna l-korporazzjoni konvenuta thallas l-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------